## P7_TA(2013)0281

## Rikostruzzjoni u demokratizzazzjoni ta' Mali

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikostruzzjoni u d-demokratizzazzjoni tal-Mali (2013/2587(RSP))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-20 ta' April 2012 dwar is-sitwazzjoni f'Mali[1] u tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà fir-reġjun tas-Saħel[2],

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel, adottata f'Marzu 2011,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 2056 (2012) u 2071 (2012) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) dwar is-sitwazzjoni fil-Mali,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2085 (2012) tal-KSNU li tawtorizza l-iskjerament ta' Missjoni Internazzjonali ta' Appoġġ għal Mali taħt tmexxija Afrikana (Afisma),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet magħmulin mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà tat-22 ta' Marzu, tas-26 ta' Marzu, tas-7 ta' April, tal-21 ta' Diċembru u tat-23 ta' Diċembru 2012, kif ukoll tal-11 ta' Jannar, tas-7 ta' Marzu u tas-7 ta’ Ġunju 2013, dwar is-sitwazzjoni fil-Mali,

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar is-Saħel tat-23 ta' Marzu 2012 li approvaw il-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi għal missjoni ta' PSDK ċivili ta' Konsultazzjoni, Għajnuna u Taħriġ fis-Saħel,

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar il-Mali tal-31 ta' Jannar, tat-18 ta' Frar , tat-23 ta’ April u tas-27 ta’ Mejju 2013;

– wara li kkunsidra l-ittra tal-25 ta’ Marzu 2013 mill-awtoritajiet tranżitorji f’Mali lis-Segretarju Ġenerali tan-NU li titlob l-iskjerament ta' operazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li tistabbilizza u tirrestawra l-awtorità u s-sovranità tal-Istat ta’ Mali fit-territorju nazzjonali tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittra tas-26 ta’ Marzu 2013 mill-President tal-Kummissjoni ECOWAS lis-Segretarju Ġenerali tan-NU li fiha jitlob għat-trasformazzjoni tal-Afisma f’missjoni ta’ stabbilizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru 2100 (2013) tan-NU adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà fis-6952 laqgħa tiegħu fil-25 ta’ April 2013 li toħloq forza taż-żamma tal-paċi,

– wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali Maljan għat-tranżizzjoni li kien ġie approvat

[1] Testi adottati, P7_TA(2012)0141.
[2] Testi adottati, P7_TA(2012)0263.

unanimament mill-Assemblea Nazzjonali tal-pajjiż nhar id-29 ta' Jannar 2013,

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,

– wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet Afrikani u internazzjonali tal-jeddijiet tal-bniedem iffirmati mill-Mali,

– wara li kkunsidra l-Mistoqsijiet bil-Miktub O-000040 – B7-0205/2013 u O-000041 – B7-0206/2013 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, rispettivament, dwar ir-rikostruzzjoni u d-demokratizzazzjoni tal-Mali,

– wara li kkunsidra l-konferenza tad-donaturi għall-iżvilupp ‘Flimkien għal Mali Ġdid’ li saret fi Brussell fil-15 ta’ Mejju 2013,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-effetti tal-kolp ta' stat militari fil-Mali, f'Marzu tal-2012, l-okkupazzjoni tal-parti tat-Tramuntana tal-pajjiż mill-gruppi ġiħadisti ribelli u armati, u tal-kunflitt armat sussegwenti fil-parti tat-Tramuntana tal-pajjiż, qed jinħassu ferm lilhinn mill-Mali mir-reġjun tas-Saħel, filwaqt li r-riperkussjonijiet jinħassu bnadi oħrajn ukoll fl-Afrika u fl-Ewropa;

B. billi l-Mali jinsab fost l-ifqar għaxar pajjiżi tad-dinja u jokkupa l-182 post fost il-187 pajjiż elenkati fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2013; billi wkoll qabel il-kriżi ta' bħalissa l-Mali bata minn differenzi soċjoekonomiċi bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, kif ukoll minn istituzzjonijiet demokratiċi dgħajfin, governanza mhux f'sikkitha, korruzzjoni u kriminalità organizzata;

C. billi l-Kaptan Amadou Haya Sanogo, li nħatar kap tal-Kumitat Militari għar-Riforma tal-Forzi Armati u s-Sigurtà, għadu figura perikoluża li żamm ħiltu li jikkawża d-danni, mhux l-anqas fid-dawl tal-funzjonijiet il-ġodda tiegħu li jagħtuh kuntatt dirett mal-militar;

D. billi ġie approvat pjan direzzjonali mill-awtoritajiet Maljani kwantu għat-tranżizzjoni u twaqqfet Kummissjoni għad-Djalogu u r-Rikonċiljazzjoni; billi l-UE, flimkien mal-awtoritajiet tranżitorji Maljani u organizzjonijiet reġjonali u internazzjonali oħrajn, ġa bdew jaħdmu fuq l-implementazzjoni tal-pjan direzzjonali ħalli tinġieb il-paċi dejjiema;

E. billi d-djalogu u r-rikonċiljazzjoni politiċi bejn il-gruppi etniċi – għaż-żamma tal-paċi u għall-ħolqien tal-volontà fost il-gruppi etniċi differenti tal-pajjiż li jgħixu lkoll flimkien – jirrappreżentaw sfida fir-rikostruzzjoni tal-Mali; billi s-sitwazzjoni f’Kidal, li għadu kkontrollat mit-Tuareg mill-Moviment Nazzjonali għal-Liberazzjoni ta’ Ażawad (MNLA), tista’ tassew tippreġudika dan il-proċess ta’ rikonċiljazzjoni; billi dawk il-gruppi biss li jirrispettaw il-Kostituzzjoni tal-Mali u l-integrità tat-territorju tal-pajjiż se jitħallew jieħdu sehem fil-Kummissjoni għad-Djalogu u r-Rikonċiljazzjoni;

F. billi f'konferenza tad-donaturi f'Addis Ababa organizzata mill-Unjoni Afrikana (UA) nhar id-29 ta' Jannar 2013, sar impenn favur total ta' EUR 337.2 miljun mid-donatur għar-riżoluzzjoni tal-kriżi tal-Mali, minn liema somma l-UE tat EUR 50 miljun lill-Afisma u, skont l-Istrument għall-Istabbiltà, EUR 20 miljun għall-għoti ta' appoġġ immedjat lis-servizzi taż-żamma tal-ordni u tal-ġustizzja, lill-awtoritajiet lokali, lill-isforzi tad-djalogu

u r-rikonċiljazzjoni tal-Mali u lill-ewwel fażijiet tal-proċess ta' tħejjija għall-elezzjonijiet li ġejjin;

G. billi l-Kummissjoni ħabbret li se terġa' tibda ftit ftit tagħti l-għajnuna għall-iżvilupp, fl-ammont ta' EUR 250 miljun, b'appoġġ għal oqsma bħalma huma: ir-rikonċiljazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti; il-proċess elettorali; l-għoti ta' servizzi bażilari, inklużi s-saħħa u l-aċċess għall-ilma u s-sanità; it-tisħiħ tas-sigurtà tal-ikel; u r-rilanċ tal-ekonomija;

H. billi ħafna organizzazzjonijiet internazzjonali u organizzazzjonijiet mhux governattivi jaħdmu fil-Mali biex jagħtu servizzi bażilari lill-komunitajiet lokali, inklużi l-assistenza alimentari, l-aċċess għall-ilma u l-kura medika;

I. billi l-komunità internazzjonali u l-Mali qablu dwar il-fatt li l-Pjan għall-Irkupru Sostenibbli ta' Mali 2013-2014 (PRED) jikkostitwixxi bażi soda għal impenji reċiproċi; li l-implimentazzjoni tal-PRED teħtieġ monitoraġġ u valutazzjoni tal-programmi ppjanati u l-infiq; u li l-appoġġ tad-donaturi għall-PRED jiddependi fuq li l-Mali jonora l-impenji tiegħu, u b’mod partikolari l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa fir-rigward tal-governanza demokratika;

J. billi l-operazzjoni militari Franċiża 'Serval', imnedija b'support għall-armata Maljana nhar il-11 ta' Jannar 2013 bħala respons għall-offensiva mill-gruppi radikali Islamisti, irnexxielha tirbaħ lura l-ibliet u l-oqsma tan-naħa ta' fuq li kienu nqabdu mir-ribelli, u billi, skont il-Gvern Franċiż, it-tropop Franċiżi bdew jirtiraw ftit ftit mill-Mali f'April 2013;

K. billi l-Missjoni ta' Sostenn Internazzjonali fil-Mali mmexxija mill-Afrikani u approvata min-NU (Afisma) ġa għandha 6 500 truppa fil-pajjiż; billi s-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon wiegħed li se tintbagħat forza tan-NU għaż-żamma tal-paċi fil-Mali ħalli tistabbilizza l-pajjiż;

L. billi fil-25 ta' April 2013, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta, taħt il-kapitolu VII tal-Karta, ir-Riżoluzzjoni 2100 (2013) li tistabbilixxi l-Missjoni ta’ Stabilizzazzjoni Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti f’Mali (Minusma) b’konformità mar-rakkomandazzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tan-NU; billi l-forza ta’ 12 600 persuna ta’ Minusma se tieħu f’idejha l-kompiti tal-Afisma fl-1 ta' Lulju 2013, filwaqt li t-truppi Franċiżi huma awtorizzati, fuq talba tas-Segretaru Ġenerali tan-NU, jintervjenu billi jappoġġaw l-elementi tal-Minusma f’każ ta’ theddida imminenti u serja;

M. billi waqt li s-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Mali tat-Tramuntana tjiebet minn mindu intervenew il-Franċiżi, it-taqbida kontra l-gruppi Islamisti radikali xorta tissokta; billi hemm ħtieġa li jinżamm il-momentum kontra t-theddidiet terroristiċi iżolati f'xi żoni tat-Tramuntana, bħalma huma t-theddidiet reċenti għal Timbuktù u Gao, li ħtieġu forza stabbilizzanti u kapaċitajiet ta' respons b'ħeffa; billi l-estremisti armati kulma jmur qed jirrikorru aktar għal tattiċi asimmetriċi, bħalma huma l-assalti stil guerrilla, l-attakki suwiċida, il-karozzi bomba u l-użu ta' mini tal-art antipersunal; billi, għaldaqstant, iż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà fit-terminu medju u f'dak twil fihom sfidi eċċezzjonali;

N. billi s-sitwazzjoni f’Mali tikkostitwixxi theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u teħtieġ respons li jmur lilhinn mill-indirizzar tat-theddidiet għas-sigurtà, inkluż impenn fit-tul min-naħa tal-komunità internazzjonali u azzjoni deċiżiva ħalli jiġu ttrattati l-isfidi politiċi, ta' governanza, ta' żvilupp u umanitarji li fanndu għeruqhom fil-fond;

O. billi matul iż-żewġ deċennji li għaddew l-elezzjonijiet f'Mali saru fuq bażi regolari, u billi qabel il-kolp ta' stat il-pajjiż kien meqjus bħala storja ta' suċċess għad-demokrazija fl-Afrika, minkejja l-fatt li l-ekonomija tal-pajjiż qatt ma għamlet biżżejjed progress biex tipprovdi futur aħjar għaż-żgħażagħ (li ħafna minnhom minflok kienu sfurzati jemigraw) jew biex ittejjeb l-għajxien tal-popolazzjoni inġenerali;

P. billi r-rilanċ tal-iżvilupp ekonomiku tal-Mali jirrikjedi għajnuna mmirata li jkollha l-attenzjoni tagħha fuq il-ħtiġiet veri tal-pajjiż;

Q. billi l-kriżi f'Mali għandha diversi aspetti u hija kumplessa, u ma tistax titqies biss bħala konflitt etniku; billi s-soluzzjonijiet b'hekk iridu jkunu komprensivi u koerenti, u jinkludu politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali bl-għan li jtejbu l-istandard tal-għajxien tal-popolazzjoni, u biex jinkiseb dan huwa importanti li jiġu mifhuma l-iżbalji tal-passat bili jiġu analizzati l-fatturi interni u esterni tan-nuqqas fl-iżvilupp ekonomiku ta' Mali;

R. billi l-bidla antikostituzzjonali tal-gvern hi ostaklu ewlieni għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp; billi l-Artikolu 25 tal-Karta Afrikana – dwar id-demokrazija, l-elezzjonijiet u l-governanza – tippreskrivi li l-individwi misjubin ħatja ta' reat ma jitħallewx jieħdu sehem fl-elezzjonijiet li jsiru ħalli jinġieb lura l-ordni demokratiku jew li jokkupa xi kariga ta' responsabilità fl-istituzzjonijiet politiċi tal-Istat tagħhom;

S. billi s-sitwazzjoni tal-jeddijiet tal-bniedem fil-Mali marret ħafna għall-agħar wara li bdiet ir-ribelljoni fit-Tramuntana tal-pajjiż u wara l-kolp militari tat-22 ta' Marzu 2012;

T. billi hemm ħtiġiet umanitarji massiċċi fil-Mali, fejn sa miljun ruħ għadhom jiddependu mill-assistenza alimentari, inklużi 174 129 rifuġjat f'pajjiżi ġirien u 300 783 ruħ spostati internament; billi hi meħtieġa strateġija integrata ta' ritorn għal meta l-kondizzjonijiet fit-Tramuntana jkunu jippermettu ritorn sikur, volontarju u dinjituż;

U. billi 750 000 ruħ jeħtieġu assistenza alimentari immedjata u 666 000 tifel u tifla jinsabu fir-riskju ta' malnutrizzjoni, inklużi 210 000 li jinsabu fir-riskju ta' malnutrizzjoni gravi; billi l-aċċess għas-servizzi soċjali bażilari għadu limitat, l-aktar fit-Tramuntana;

V. billi kien ġie adottat Pjan ta' Azzjoni għar-Riabilitazzjoni tal-Wirt Kulturali u għall-Ħarsien tal-Manuskritti Antiki fil-Mali waqt laqgħa ta' esperti internazzjonali organizzata mill-UNESCO fi Frar 2013;

W. billi r-rispett lejn il-jeddijiet tal-bniedem hu ta' importanza kbira għall-Unjoni Ewropea; billi l-popolazzjoni fil-Mali tat-Tramuntana tgħix f'atmosfera ta' biża', u d-drittijiet tal-bniedem tagħhom huma sistematikament ivvjolati mill-gruppi Islamisti radikali;

X. billi fil-15 ta' Mejju 2013 saret konferenza ta' livell għoli ta' donaturi fi Brussell, 'Flimkien għal Mali Ġdid', fejn iltaqgħu delegazzjonijiet minn 108 pajjiżi, inklużi 13-il kap ta' stat u tal-gvern, għadd kbir ta' ministri tal-affarijiet barranin u rappreżentanti superjuri ta' istituzzjonijiet reġjonali u internazzjonali, flimkien ma' rappreżentanti ta' awtoritajiet lokali u tas-soċjetà ċivili; billi d-donaturi impenjaw ruħhom li jagħtu EUR 3,25 biljun bħala donazzjoni lill-Mali fis-sentejn li ġejjin, u l-UE tinsab minn ta' quddiem bil-wegħda tagħha ta' EUR 520 miljun;

Y. billi l-UE kollettivament se talloka EUR 1,35 biljun biex tappoġġa l-Pjan għall-Irkupru Sostenibbli ta' Mali (PRED), li minnhom il-Kummissjoni se tikkontribwixxi EUR 523,9

miljun, inklużi EUR 12-il miljun f'għajnuna umanitarja għall-aktar ħtiġijiet urġenti;

Z. billi s-sitwazzjoni f'Kidal għadha inċerta u qed thedded li tfixkel l-elezzjonijiet presidenzjali li jmiss, minkejja l-isforzi ta' medjazzjoni mill-Burkina Faso;

1. Jissottolinja l-impenn tiegħu favur is-sovranità, l-unità u l-integrità territorjali tal-Mali; jilqa' pożittivament l-intervent Franċiż b'appoġġ għal dawn il-prinċipji bħala l-ewwel pass lejn ir-rikostruzzjoni u d-demokratizzazzjoni tal-Mali; jitlob li jkun hemm involviment f'saħħtu mill-UE f'dan il-proċess;

2. Jappoġġa proċess politiku mmexxi mill-Mali li jkun jippermetti lill-pajjiż jikseb stabilità politika fit-tul u prosperità ekonomika; jissottolinja l-importanza ta' djalogu nazzjonali inklużiv, u tal-proċess rikonċiljatorju, fl-isforz li tinstab soluzzjoni politika ġenwina u demokratika għall-kriżi rikorrenti tal-pajjiż; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, it-twaqqif fis-6 ta' Marzu 2013 ta' Kummissjoni Nazzjonali għad-Djalogu u r-Rikonċiljazzjoni, u jfisser it-tama li din tkun malajr qed taħdem; jilqa' favorevolment il-ħatra ta' mara u ta' Twareg bħala viċi presidenti ta' din il-Kummissjoni bħala sinjal ta' impenn favur l-inklużività u l-pluralità fil-proċess politiku;

3. Huwa tassew imħasseb dwar is-sitwazzjoni f'Kidal, fejn it-Tuareg mill-MNLA għadhom qed jirrifjutaw li jċedu l-kontroll lill-armata Maljana u għalhekk qed jostakolaw serjament il-proċess ta' rikostruzzjoni; jistieden lill-gvern u lill-MNLA jidħlu f'taħdit preliminari dwar il-parteċipazzjoni tal-MNLA fil-Kummissjoni għad-Djalogu u r-Rikonċiljazzjoni Nazzjonali;

4. Iħeġġeġ l-implementazzjoni malajr tal-pjan direzzjonali, ħalli tinżamm għaddejja t-tranżizzjoni sa mal-ordinament kostituzzjonali u l-istat tad-dritt ma jerġgħu jiġu stabbiliti mill-ġdid fil-pajjiż permezz tal-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet demokratiċi, ħielsa, ġusti u trasparenti fl-2013; jilqa' l-impenn min-naħa tal-awtoritajiet Maljani li jorganizzaw l-elezzjonijiet fit-28 ta' Lulju u fil-11 ta' Awwissu 2013, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet mill-mexxejja tal-gvern tranżitorju li ma jersaqx għall-elezzjoni; jagħraf l-isfidi li tippreżenta l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet, inklużi l-kompiti bħalma huma l-iżgurar tas-sigurtà fiż-zoni tat-Tramuntana, il-ħruġ ta' skedi tal-vot bijometriċi u r-reġistrazzjoni tar-rifuġjati fir-reġistri elettorali, u jitlob lill-UE u lis-sħab internazzjonali tagħha jżidu l-appoġġ tagħhom għall-proċess elettorali li daqt ġej; jilqa', f'dan is-sens, l-intenzjoni li tintbagħat missjoni ta' osservazzjoni elettorali fl-UE, bħalma talab il-gvern Maljan;

5. Jirriafferma li l-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi huma perċepiti bħala l-ewwel pass lejn ir-ritorn għad-demokrazija, u li l-elezzjonijiet huma element essenzjali fl-iżgurar tal-kredibilità u tal-leġittimità tal-gvernijiet futuri;

6. Jilqa' l-isforzi ta' medjazzjoni mill-President ta' Burkina Faso fin-negozjati li għaddejjin f'Ouagadougon bejn il-gvern Maljan u r-ribelli tat-Tuareg; jitlob li n-negozjati jiġu konklużi malajr, u jtenni d-determinazzjoni tiegħu li jappoġġa l-istabbiliment mill-ġdid tal-amministrazzjoni tal-Istat fit-territorju kollu ta' Mali u l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet li jmiss, inkluż fir-Reġjun ta' Kidal u fil-kampijiet tar-rifuġjati;

7. Jinsisti li kull soluzzjoni politika għar-rikostruzzjoni tal-Mali jeħtieġ li magħha jkollha strateġija ċara u sostenibbli ta' żvilupp ekonomiku li tindirizza l-problema tal-qgħad ħalli

jitjieb l-għajxien tal-popolazzjoni, u jisħaq li l-għoti tas-servizzi bażilari bħalma huma s-saħħa, l-edukazzjoni, l-ilma u s-sanità jeħtieġ li jerġa' jinbeda billi huma essenzjali għall-istabilità tal-pajjiż; jemmen li r-riformi istituzzjonali huma neċessarji għalbiex tkun żgurata l-istabilità politika u ħalli l-komunità Maljana tkun tista' kollha kemm hi tkun imdaħħla fil-bini tal-futur tal-pajjiż; jemmen ukoll fil-ħtieġa li jissaħħu l-proċessi demokratiċi u r-responsabilità politika fil-pajjiż jekk għandhom jinkisbu riżultati aħjar ta' żvilupp;

8. Jilqa’ l-pjan ta’ rkupru sostenibbli għall-2013-2014 li jifforma parti mill-pjan direzzjonali għat-tranżizzjoni tad-29 ta’ Jannar 2013 u jilqa’ wkoll il-Qafas Strateġiku għat-Tkabbir u t-Tnaqqis tal-Faqar 2012-2017 ta’ Diċembru 2011 (CSCRP 2012-2017);

9. Huwa konvint li s-suċċess tal-Pjan għall-Irkupru Sostenibbli ta' Mali jeħtieġ li jitqiesu d-dimensjoni reġjonali u dik subreġjonali, b’mod partikolari permezz tal-konsolidazzjoni ta' governanza tajba u integrazzjoni ekonomika ikbar, żvilupp ta' infrastruttura ekonomika, żvilupp ta’ riżorsi umani fil-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, kif ukoll l-istabbiliment ta’ sħubija għall-mobilizzazzjoni ta’ riżorsi u l-monitoraġġ tal-evalwazzjoni;

10. Jistieden lill-gvern Maljan jaħdem flimkien mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-NGOs rilevanti ħalli jagħtu lill-poplu tal-Mali support adegwat u koordinat;

11. Huwa tal-fehma li r-rispons għall-isfidi tal-iżvilupp tal-Mali jeħtieġ kemm finanzjament adegwat kemm koordinament imtejjeb, kemm fil-livell ta' UE kemm mad-donaturi internazzjonali l-oħrajn; jappoġġa b'saħħa approċċ magħmul apposta li jkollu attenzjoni fuq il-ħtiġiet tal-pajjiż u li jkun jirrifletti l-progress magħmul favur l-implementazzjoni tal-pjan direzzjonali u l-miġja lura tal-istat tad-dritt;

12. Jistieden lill-UE u lis-sħab internazzjonali tagħha jgħinu lill-gvernijiet tal-Afrika tal-Punent fit-taqbida tagħhom kontra t-traffikar tad-drogi u l-proliferazzjoni tal-armi; jistieden lill-pajjiżi fir-reġjun iqiegħdu fiċ-ċentru tal-politika tagħhom tal-iżvilupp strateġija ekwilibrata u sostenibbli tal-iżvilupp, jagħtu servizzi pubbliċi bażilari lill-popolazzjoni inġenerali u joħolqu l-opportunitajiet ta' impjieg, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ;

13. Jistieden lill-UE, lin-NU u lill-istati individwali jagħtu appoġġ loġistiku u tekniku li jgħin lill-Maljani fit-taqbida tagħhom kontra t-traffikar tad-droga u l-proliferazzjoni tal-armi; jistieden lill-pajjiżi kollha fir-reġjun tas-Saħel jikkoordinaw il-politiki rispettivi tagħhom ta' sigurtà ħalli jifformulaw rispons f'saħħtu għat-traffikar;

14. Jissottolinja li s-sigurtà u l-iżvilupp fis-Saħel isaħħu lil xulxin; jilqa' l-intervent inizjali ta' Franza, imsaħħaħ mill-Afisma, (u b’effett mill-1 ta’ Lulju 2013, il-Minusma), ħalli titwaqqaf id-destabilizzazzjoni ulterjuri u jiġu kkumbattuti l-forzi estremisti; jissottolinja r-rwol komplementari importanti tal-Missjoni ta' Taħriġ tal-UE (EUTM Mali) fil-għoti ta' assistenza deċiżiva fil-bini ta' kapaċità fit-tul fl-armata Maljana; ifakkar li l-istabilità fit-tul, is-sigurtà u l-integrità territorjali tal-pajjiż ma jeħtiġux biss li l-estremisti vjolenti u radikali – u t-traffikanti tal-armi, drogi u bnedmin – jintgħelbu imma li jiġu promossi alternattivi għall-attivitajiet illegali tan-nies li sfaw imfaqqrin u taż-żgħażagħ qiegħda;

15. Jissottolinja l-ħtieġa li tinstab soluzzjoni reġjonali, li tkun tfannad għeruqha fi ftehim reġjonali sostnut minn konferenza tal-pajjiżi tas-subreġjun, b'mod partikolari l-Alġerija u l-Mawritarnja;

16. Jistieden li jkun hemm riforma tal-forzi armati Maljani, u tas-servizzi usa' tas-sigurtà, li għandhom ikunu intensifikati taħt il-kontroll demokratiku u ċivili ħalli tkun żgurata l-istabilità u tinbena l-fiduċja fir-rwol tas-settur tas-sigurtà fil-kontribut għall-paċi u d-demokrazija dejjimin fil-pajjiż;

17. Jistieden lill-gvern Maljan jagħti attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-jeddijiet tal-bniedem fit-territorju kollu tal-Mali, u jmexxi l-prosekuzzjoni kontra dawk kollha li jkunu wettqu ksur serju tal-jeddijiet tal-bniedem, irrispettivament minn jekk ikunux parti minn gruppi Islamisti radikali jew mill-armata tal-Mali;

18. Ifaħħar l-isforzi tal-pajjiżi Afrikani li kkontribwew għall-Afisma u jilqa’ l-ingaġġ tagħha għal Mali; jilqa’ bl-istess mod, l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 2100 (2013) li tistabbilixxi l-Missjoni ta' Stabbilizzazzjoni Integrata Multidimensjonali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Mali (Minusma), operazzjoni b’mandat qawwi li tistabbilizza l-pajjiż, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għat-tranżizzjoni, il-protezzjoni ċivili, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll l-appoġġ għall-għajnuna umanitarja, il-preservazzjoni kulturali kif ukoll il-ġustizzja nazzjonali u internazzjonali;  jesprimi t-tama tiegħu li l-Minusma dalwaqt issir totalment operattiva u li s-sitwazzjoni tas-sigurtà tkun tali li l-missjoni tibda fl-1 ta’ Lulju 2013

19. Jilqa' t-tnedija tal-EUTM Mali nhar it-18 ta' Frar 2013 u tal-mandat tagħha li tappoġġja r-riforma tal-forzi armati Maljani taħt kontroll demokratiku ċivili; ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jingħata appoġġ lill-gvern Maljan hu u jiżgura li jista' jżomm l-integrità territorjali tiegħu fit-terminu t-twil, li jkun jinkludi l-mezzi għalbiex ikunu indirizzati t-theddidiet asimmetriċi rappreżentati mill-gruppi Islamisti radikali u minn dawk li jittraffikaw il-bnedmin, il-beni u l-armi; huwa tal-fehma li l-UE għandha tikkunsidra li tinkludi fil-programmi ta' taħriġ tal-forzi armati Maljani moduli dwar il-prattiki tajbin, il-jeddijiet tal-bniedem u dwar it-taqbida kontra l-korruzzjoni;

20. Jinnota li l-ħidma komplementari tal-EUCAP Sahel Niger fil-għoti ta' taħriġ għat-tisħiħ tas-settur tas-sigurtà fil-pajjiżi ġirien u fil-koordinament mal-EUTM Mali permezz ta' uffiċjali ta' kollegament f'Bamako; jistieden lill-VP/RGħ tressaq l-opzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ bħal dan għar-riforma tas-settur usa' tas-sigurtà fil-Mali (inklużi l-pulizija, il-gwardja nazzjonali, il-ġendarmerija u s-settur tal-ġustizzja), inter alia permezz tal-valutazzjoni dwar jekk dan jistax isir billi jitwessa' l-mandat tal-EUTM Mali jew tal-EUCAP Sahel Niger, jew permezz tal-ħolqien ta' Missjoni ġdida fl-ambitu tal-PSDK dedikata lir-riforma usa' tas-settur tas-sigurtà miċ-ċivili;

21. Jikkundanna l-ksur tal-jeddijiet tal-bniedem u jitlob li dawk ħatja jinżammu responsabbli; jilqa' d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) li tiftaħ inkjesta, u jitlob lill-awtoritajiet Maljani jikkooperaw mal-QKI; jilqa' l-fatt li ntbagħtu l-ewwel osservaturi tal-jeddijiet tal-bniedem f’Mali, skont id-deċiżjonijiet li ħadu l-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana u l-ECOWAS; jissottolinja li r-rikostruzzjoni politika u l-kredibilità tagħha wkoll jiddependu mit-twaqqif ta' mekkaniżmi tranżitorji ta' ġustizzja;

22. Jistieden li jissokta l-għoti tal-assistenza umanitarja lill-popolazzjoni li jeħtiġuha, u li jkun hemm miżuri li jiżguraw ir-ritorn liberu u volontarju tar-rifuġjati; jissottolinja l-ħtieġa li tinżamm distinzjoni ċara bejn l-aġenda umanitarja u dik politika/ta' sigurtà ħalli tkun

żgurata l-imparzjalità fl-azzjoni umanitarja, is-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji u l-aċċess għas-sostenn għal dawk fil-bżonn;

23. Jistieden lill-forzi kollha tas-sigurtà fil-Mali li jżommu s-sigurtà fil-pajjiż ħalli jippermettu li l-assistenza umanitarja tilħaq lill-popolazzjoni kollha;

24. Itenni l-kundanna tiegħu għas-sakkeġġ u d-distruzzjoni tas-siti ta' wirt kulturali; jilqa' l-miżuri reċenti li ħadet l-UNESCO għalbiex tirriabilita l-wirt kulturali tal-Mali;

25. Huwa ta' fehma li l-UE għandha, fid-dawl tal-kriżi Maljana, tagħmel l-aġġustamenti neċessarji għall-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel; jissottolinja l-ħtieġa għal integrazzjoni aħjar bejn il-pilastri tal-iżvilupp u tas-sigurtà tal-istrateġija, u għal koordinament aħjar tal-istrumenti tagħha tal-politiki; jissottolinja l-ħtieġa tat-titjib tas-sistema ta' allerta bikrija tal-UE ħalli tkun tista' twettaq id-dimensjoni preventiva tal-istrateġija;

26. Jilqa’ r-riżultat pożittiv u l-konklużjonijiet tal-konferenza ta' livell għoli ta’ donaturi'. Flimkien għal Mali Ġdid' organizzata mill-UE u Franza flimkien mal-Mali u li saret fi Brussell nhar il-15 ta’ Mejju 2013 b’appoġġ għall-Pjan għall-Irkupru Sostenibbli ta' Mali ; Jistieden lill-UE u lis-sħab internazzjonali tagħha biex jimplimentaw l-impenji reċiproċi tagħhom bħala parti minn segwitu effettiv u koordinat għall-konferenza; jenfasizza f’dan il-kuntest, l-importanza li tinbeda riforma globali ta’ governanza f'Mali, li tkun stabbilita politika ta’ deċentralizzazzjoni ġdida kif ukoll li jinħolqu kundizzjonijiet għal żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli f'Mali;

27. Jissottolinja l-ħtieġa għal kooperazzjoni reġjonali isħaħ, u hu tal-fehma li l-UE għandha tuża l-influwenza politika tagħha u s-setgħa finanzjarja perswassiva li għandha ħalli tinkoraġġixxi lil sħabha fir-reġjun jarmonizzaw l-inizjattivi politiċi, diplomatiċi u militari tagħhom li ta' sikwit ikunu frammentati ħalli jindirizzaw aktar effikaċement l-isfidi b'bosta aspetti li s-Saħel ikollu jiffaċċja;

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tal-Mali, l-Unjoni Afrikana, lill-Ecowas, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll lill-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti.